# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 484/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Annabelle Camilleri Monreal**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmija Annabelle Camilleri Monreal detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 311185M talli f'dawn il-gzejjer fix-xahar ta' Ottubru, 2014:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu minn ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wirtet haga ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal biza jew tama dwar xi haga kimerika, ghamlet qliegh ghad-dannu ta' John Palmer;

2. Aktar talli approrijat ruhha billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuni ohra, haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikata;

3. Aktar talli naqset milli thares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. fid-digriet taghha datat 26 ta' Frar 2013 li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni fejn f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkonsidra lil Annabelle Camilleri Monreal bhala recidiva;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-15 ta' Novembru, 2014, li permezz taghha wara ammissjoni tal-appellanta, allura imputata, sabitha hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha u kkundannatha ghal seba' (7) xhur prigunerija bl-assorbiment stante tat-tieni (2) imputazzjoni fl-ewwel wahda, kif ukoll ghal multa ta' hamsin Ewro (€50) kwantu t-tielet (3) imputazzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Annabelle Camilleri Monreal, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn il-Qorti sabet htija u thassarha f'dik il-parti fejn erogat il-piena u minflok tikkundanna lill-appellanti piena aktar miti u ekwa fic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat id-dokumenti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet verbali tad-difensur tal-appellanta kif ukoll dawk tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi l-piena kominata kienet wahda eccessiva u esagerata u li mhix diretta ghar-riforma taghha. Kif wisq drabi ritenut minn din il-Qorti, ma huwiex normali li *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015. Is-sentenza hawn skrutinata, ossia il-piena kominata wara s-sejbien ta' htija, ghalhekk ser tkun hekk ezaminata minn din l-ottika;

2. L-ewwel imputazzjoni hija dik ravvizata fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali li timporta **piena minima ta' sena sa massimu ta' seba snin** b'dan illi fit-termini tal-artikolu 310(1)(b), meta l-ammont ta' hsara jkun ta' aktar minn €500 izda mhux aktar minn €5000, il-piena tkun ta' **prigunerija minn sitt xhur sa erba' snin** izda bl-aggravanti ravvizat fl-artikolu 294, il-piena tkun ta' **prigunerija minn seba xhur sa sentejn**.;

3. L-appellanta kienet ukoll misjuba hatja tal-addebitu tar-recidiva bil-prospettiva ta' zieda bi grad tal-piena applikabbli izda l-ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni taghha ghazlet li ma tikkominax din iz-zieda in vista tal-ammissjoni bikrija taghha. L-ewwel Qorti ghalhekk kkalibrat il-piena fil-parametri tal-ligi u hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

4. Issa, l-appellanta tghid illi tenut kont ta' rinunzja tal-parti danneggjata kif ukoll li din kienet debitament rimborsata, kien jimmerita li l-ewwel Qorti tesplora forom alternattivi ta' piena. Ezaminati l-atti, mkien ma jemergi illi kien hemm xi rinunzja tal-parti danneggjata hlief ghal-fotokopja ta' forma ta' dikjarazzjoni miktuba bl-idejn u akkluza mar-rikors tal-appell. Din il-Qorti, izda, fuq talba tal-appellanta ordnat li jsir *pre sentencing report* sabiex b'hekk tkun tat kull opportunita' lill-appellanta sabiex ma tintilifx opportunita' li tintegra ruhha bhala cittandina denja fis-socjeta'. Kif jiddemostraw l-atti processwali, it-triq ghal-guddizzju ahhari kienet wahda twila b'diversi differimenti minhabba raguni jew ohra da parti tal-appellanta. Ir-rapport tal-ufficcjal tal-probation ukoll kien kolpit b'dewmien ghall-istess ragunijiet;

5. Minn dan ir-rapport, il-Qorti ghandha quddiemha stampa ta' persuna li taghmel minn kollox sabiex tqarraq b'kull minn jigi f'kuntatt maghha kompriz l'ufficcjal tal-probation li ghad li kienet hekk nominata sabiex tara x'inhuma l-possibilitajiet ta' piena alternattiva, qarrqet biha sahansitra fid-deskrizzjoni tar-relazzjoni mal-familjari taghha u sahansitra mal-psikjatra taghha. Hija hasra li l-appellanta qeghda tistultifika kull opportunita' li talvolta tista' tkun ta' ghajnuna ghar-riabilitazzjoni taghha. F'cirkostanzi bhal dawn, il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha taghmel eccezzjoni u tvarja l-piena erogata mill-ewwel Qorti;

6. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud;